SANNAT

Minuti tad-disa' u għoxrin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| Assenti<br>Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba. Din il-laqgħa saret rigward il-karnival li ser isir nhar it-Tnejn, 7 ta' Marzu 2011.

**Item 1 Karnival**

1369 Il-programm għal Karnival ta' din is-sena ser jerġa' jsir fil-pjazza u ser jinkrew is-siġġijiet għall-pubbliku.

Mistiedna għal din l-attivita' għandhom ikunu l-grupp folkloristiku minn Sannat Ta' Saguna. Magħhom għandhom jiġu mistiedna gruppi ta' żeffiena li huma mmexxija minn Christian Saliba, Marita Caruana, Josephine Farrugia, Jamie Camilleri, Sannat Primary School u St. Francis School. Is-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita għandha tieħu sehem billi ddoq fil-Pjazza Santa Margarita u fejn il-każini. Għandhom jinġiebu sett maskri tal-karnival ta' Paul Mampalao. Din is-sena ser terġa ssir il-kukkanja. Il-Kunsiller Marlene Muscat ser tieħu ħsieb biex isib lil xi ħadd biex jagħmilha ta' *compere*. Il-Kunsillier Teddy Bajada għandu jieħu ħsieb biex isib lil xi ħadd biex jipprovdi ġenerator għad-dawl.

Bħala kompetizjonijiet għandu jkun hemm tliet katergoriji li huma:

**Kategorija (A) - Kostumi Karnivaleski**

Din tkun maqsuma fi tnejn. Waħda għal dawk il-kompetituri mir-raħal u oħra għal kompetituri barranin. Għandhom jingħataw l-ewwel u t-tieni premju f'kull kategorija.

**Kategorija (B) - Maskarati Spontanji**

Din il-kompetizzjoni ser tkun għall-aħjar Maskarati spontanji, ser jingħataw premijiet għal minn jiġi fl-ewwel u fit-tieni post.

**Kategorija (C) – Karrijiet Żgħar**

SANNAT

Din il-kompetizzjonijiet ser tkun miftuħa għal dawk li għandhom karrijiet żgħar. Ser jingħataw premijiet lil dawk li jiġu fl-ewwel u fit-tieni post.

Infetħu l-kwotazzjonijiet għall-provdiment tas-sound għall-attivita' tal-Karnival.

Kwotazzjonijiet inxeħtu erbgħa li kienu:

| | **Isem il-kuntrattur** | **Ammont** |
|---|---|---|
| 1. | Prostage Sound | €150 |
| 2. | Jamie Camilleri | €350 |
| 3. | Power Sound (kwot. nru. 1) | €295 |
| 4. | Power Sound (kwot. nru. 2 b'iktar apparat) | €531 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Prostage Sound li kienet l-irħas waħda.

**Item 2 Materja Oħra**

1370 Saret laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fit-18 ta' Frar 2011. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku, il-perit Edward Scerri u Jason Curmi Assistent Prinċipal. F'din il-laqgħa, il-Ministru qalet li l-applikazzjoni ta' Sannat Junction qiegħda għand il-MEPA. Rigward Triq Sannat il-Ministru qalet li ser toħroġ tender ġdida għal *water culvert* u l-għoti ta' tarmak. Ix-xogħol għandu jsir fis-sena 2012. Għad irid jiġi deċiż x'ser isir dwar l-ilma tax-xita li jispiċċa fi Triq Dr. Anton Tabone (il-Qasam), jekk jsirx gandott tal-ilma ġdid jew jekk jitnaddafx biss dak li hemm u jibqa sejjer il-wied ta' Mġarr ix-Xini. Issemma li jsir ġibjun tal-ilma taħt il-playing field.

1371 Waqt l-istess laqgħa mal-Ministru għal Għawdex, il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjonijiet l-applikazzjonijiet ECO Għawdex tal-ispazju miftuħ ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus u l-Isqaq Ta' Dun Anastas ġew approvati. Għad baqa' l-fondi u ser jingħata ċ-ċans li jsiru applikazzjonijiet ġodda. Rigward l-ispazju miftuħ ta' Triq id-Daħla taċ-Cnus ser tintalab id-Devoluzzjoni tagħha għaliex issa hemm il-flus disponibbli għal dan il-proġett. L-applikazzjoni għand il-MEPA qed tiġi pproċessata.

1372 Il-Kunsill approva li jsiru l-RCV's għal fanali tal-pjazza li hemm fuq in-naħa tal-każini.

1373 Il-Kunsill ħalla l-Budget għal laqgħa oħra.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |